MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 896/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**MELCHIORE DIMECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Melchiore Dimech ID 119582(M) iben Carmelo u Josephine nee' Chircop mwieled Pieta' fis-07/02/1982 u residenti gewwa Landbridge Mansions 4A, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar.

Gie akkuzat talli fil-17 ta' Lulju, 2009 ghall-habta ta' 12.00pm dahal gewwa r-residenza privata li tinsab gewwa No. 91, Flat 1, Triq iz-Zebbug, Haz-Zebbug, fejn mic-

cirkostanzi deher li l-hsieb tieghu kien li jaghmel hsara volontarja lill-propjeta' u li juza vjolenza fuq Marianne Mallia,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fl-imsemmija residenza privata, a detriment ta' David u Marianne Mallia, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' 116.47Euros, izda tiskorri l-ammont ta' 23.29 Euros,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marianne Mallia, skond kif iccertifika Dr. E. Pace Spadaro M. D Reg.No. 5192 tal-Isptar Mater Dei,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Marianne Mallia sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Marianne Mallia biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha,

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied,

U aktar talli fis-17 ta' Lulju, 2009 ghall-habta ta' 12.00pm f'dawn il-gzejjer, naqas min li jhares diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digrit li bih inghata l-helsien mill-arrest.

L-esponent talab lill-Qorti, meta jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok SZ3 u nnutat li l-imputat Melchiore Dimech m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 325, 251, 325(1)(c), 221, 339(1)(d), 251B, 338(dd) u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Melchiore Dimech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-istess imputat Melchiore Dimech taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Melchiore Dimech ghall-piena ta' hamsin Ewro (Ewro 50) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Melchiore Dimech b'obbligazzjoni personali ta' elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma' David u Marianne Mallia u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Melchiore Dimech l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------